

# Żewġ servizzi tal-Gvern f'Ħal Lija fis-seklu XIX

## *l-iskejjel primarji u s-servizz tat-tabib*

Winston L. Zammit B.A. (Hons), P.G.C.E., M.A.

L-iskejjel Primarji tal-Gvern fl-ibliet u fl-irħula ta' Malta bdew jinfetħu fis-seklu XIX wara l-miġja f'Malta fl-1836 ta' Kummissjoni Rjali.

Waħda mill-ewwel skejjel primarji li nfetħu kienet dik tas-subien f'Ħal Lija li fetħet il-bibien tagħha f'Mejju tal-1838, għas-subien mhux biss minn Ħal Lija, iżda ukoll mill-irħula ta' Ħal Balzan, Ħ'Attard, Birkirkara, il-Mosta, in-Naxxar u Ħal Għargħur.[1] Meta aktar 'il quddiem infetħu skejjel primarji f'uħud minn dawn l-irħula, is-subien naturalment ma baqgħux immorru f'dik ta' Ħal Lija.

Aktar 'il quddiem f'Ħal Lija nfetħet ukoll skola għall-bniet. Din kienet qed tiffunzjona f'Diċembru 1861. Dan joħroġ mir-rapport dwar l-iskejjel primarji fix-xahar ta' Diċembru, 1861, bil-firma tad-direttur ta' dawn l-iskejjel, il-Kanonku Dun Pawl Pullicino, li jġib id-dati tal-10 ta' Jannar 1862. Dan ir-rapport jgħidilna li fl-iskejjel ta' Ħal Lija, kien hemm miktubin 75 tifel u 82 tifla, u matul ix-xahar ta' Diċembru 1861, kienu attendew 67 tifel u 62 tifla.[2]

## L-iskejjel fl-1874

Rapport ieħor tal-Kanonku Pullicino fuq l-iskejjel primarji għax-xahar ta' Diċembru 1874 tagħtina aktar dettalji. Minnu nafu li fl-iskola primarji tas-subien f'Ħal Lija kien hemm total ta' 97 student mqassmin hekk:

| | |
|---|---|
| Class I | 53 |
| Class II | 17 |
| Class III | 17 |
| Class IV | 0 |

Fl-iskola tal-bniet kien hemm total ta' 116-il studenta mqassmin hekk:

| | |
|---|---|
| Class I | 57 |

| | |
|---|---|
| Class II | 30 |
| Class III | 29 |
| Class IV | 0 |

Minn dawn ic-cifri joħroġ bi ċar li kien hemm aktar bniet milli subien jattendu. Jidher ukoll li aktarx iż-żewġ skejjel kienu jaslu biss sat-tielet klassi.[3]

## L-iskejjel fl-1877

Tagħrif ieħor dwar iż-żewġ skejjel primarji ta' Ħal Lija joħroġ minn rapport tal-Kanonku Pullicino dwar l-iskejjel primarji għax-xahar ta' Novembru 1877 li jġib id-data tal-24 ta' Diċembru 1877. Dan ir-rapport jagħtina dan it-tagħrif:[4]

| | | |
|---|---|---|
| Tfal tal-età tal-iskola | Subien | Bniet |
| Minn 5 sa 12-il sena | 211 | 194 |
| Numru medju ta' studenti | Subien | Bniet |
| Fuq ir-reġistru tal-iskejjel | 120 | 114 |
| Attendenza medja fl-iskejjel | Subien | Bniet |
| | 108 | 97 |

## L-iskejjel fl-1881

Rapport bid-data tal-15 ta' Ottubru 1888, bil-firma tas-Sur Achille Ferris, Spettur tal-Iskejjel Primaji, jgħidilna li f'Ħal Lija issa kien hemm tlett iskejjel, dik tas-subien u dik tal-bniet, u l-iskola ta' bil-lejl jew *Night School*.

Dwar l-iskola tas-subien għandna dawn id-dettalji:

| | |
|---|---|
| Numru fuq ir-reġistru | 139 |
| Attendenza medja | 124 |
| Tqassim tal-istudenti | |
| Class I | 74 |
| Class II | 29 |
| Class III | 26 |
| Class IV | 10 |
| Class V | 0 |

Dan ir-rapport jindika li fl-iskola primarja tas-subien issa kien hemm tiffunzjona Class IV.

Dwar l-iskola primarja tal-bniet insibu dan it-tagħrif:

| | |
|---|---|
| Numru fuq ir-reġistru | 124 |
| Attendenza medja | 100 |
| Tqassim tal-istudenti | |
| Class I | 102 |
| Class II | 14 |
| Class III | 8 |
| Class IV | 0 |
| Class V | 0 |

F'dan ir-rapport insibu wkoll imsemmija l-iskola ta' bil-lejl, b'dawn id-dettalji:[5]

| | |
|---|---|
| Numru fuq ir-reġistru | 19 |
| Attendenza medja | 10 |
| Tqassim tal-istudenti | |
| Class 1 | 10 |
| Class 2 | 9 |

## Is-servizz ta' Tabib tal-Gvern

Sal-1848 is-servizz tat-tabib imħallas mill-Gvern kien restritt għall-Belt Valletta, il-Furjana u l-ibliet tal-Kottonera.[6] Kien il-Gvern ta' Sir Richard More O'Ferrall, Gvernatur ta' Malta bejn l-1847 u l-1851, li estenda dan is-servizz għall-irħula kollha ta' Malta u Għawdex. Fl-1849 il-kampanja ta' Malta ġiet maqsuma fi 15-il distrett u għal kull distrett inħatar tabib imħallas mill-Gvern bit-titlu ta' *Medico dei Poveri*. Is-salarju ta' dawn it-tobba kien ivarja bejn £6 u £12 fis-sena. Għal dan il-għan it-tlett irħula ta' Ħ'Attard, Ħal Balzan u Ħal Lija kienu jiffurmaw distrett wieħed u t-tabib maħtur kien joqgħod Ħal Lija. Permezz ta' ittra mis-Segreterija tal-Gvern li ġġib id-data tat-18 ta' Diċembru 1848, Dott. Francesco Seichel ġie maħtur bħala *Medico dei Poveri* għal Ħ'Attard, Ħal Balzan u Ħal Lija b'salarju ta' £8 fis-sena.[7]

Dott. Seichel kien obbligat li joqgħod f'Ħal Lija u mir-reġistru elettorali nafu li kien jgħix f'dawn id-djar: fl-1854kien qed joqgħod fi Strada Dietro la Chiesa,[8] u skont ir-Reġistru baqa' hemm kemm fl-1855,[9] kif ukoll fl-1862 fejn issa nafu li d-dar kienet Nru 75.[10] Fis-sena 1864 naraw li t-Tabib tal-gvern kien għadu fi Strada Dietro la Chiesa Nru 75,[11] imma fl-1877 mar jabita ġewwa Strada Forni Nru 73 (illum Nru 12).[12]

## Jirtira mis-servizz

Dott. Seichel baqa' fil-kariga sal-1877. Iżda jidher li fl-1876 ma kienx fil-pożizzjoni li jaqdi d-dmirijiet tiegħu aktar, tant li l-Gvern ħatar lil Dott. Fillippo Vella, li kien il-*Medico dei Poveri* ta' Birkirkara, biex jaġixxi minnfloku, u ta' dan ix-xogħol assenjalu nofs is-salarju ta' Dott. Seichel li kien ta'£30.[13]

It-Tabib Seichel irtira mis-servizz fl-1877 meta kellu 74 sena u kien ilu fis-servizz tal-Gvern għal 34 sena, jiġifieri mill-1843. Dan jindika li qabel ma kien inħatar *Medico dei Poveri* fit-tlett irħula kellu xi kariga oħra mal-Gvern. Wara li rtira mis-servizz ingħata pensjoni ta' £17.[14] Wara li rtira mis-servizz baqa' joqgħod Ħal Lija fid-dar Nru 73 fi Triq il-Forn, jiġifieri fl-istess dar li fiha kien jgħix meta kien iservi ta' Tabib tal-Gvern.[15] Miet Ħal Lija fit-13 ta' Awwissu, 1883, u ġie midfun fl-istess raħal.[16]

## It-Tabib Andrea Zammit

Is-suċċessur ta' Dott. Seichel fil-kariga ta' *Medico dei Poveri* fit-tlett irħula ta' Ħ'Attard, Ħal Balzan u Ħal Lija kien it-tabib żagħżugħ Dott. Andrea Zammit.

F'Awwissu tal-1877, Dott. Andrea Zammit li f'dak iż-żmien kien residenti fin-Naxxar fid-dar Nru 89, Strada Reale, kiteb lill-Gvernatur u talab li din il-kariga ta' *Medico dei Poveri* fit-tlett irħula li kienet vakanti tingħata lilu. Mat-talba tiegħu Dott. Zammit issottometta ċertifikati ffirmati mis-Sindku tar-Raba' Distrett Dott. Gaetano Darmanin bid-data tal-31 ta' Mejju 1877 li kien jgħid li, "*Dr. Andrea Zammit e un giovane di ottima condotta. Per le rari dote che lo distinguono riputarsi ben fortunato quel distretto che lo potrebbe avere 'Medico dei Poveri'.*"

Fis-16 t'Awwissu 1877, it-talba tat-Tabib Zammit ġiet referitha lill-Kap tal-Korp tal-Pulizija, li fil-11 ta' Settembru, 1877, kiteb hekk dwaru: "*Applicant is eligible both for his professional qualifications as well for character*".

Għaldaqstant ir-risposta mill-Palazz bid-data tat-13 ta' Settembru, 1877, kienet "*Appoint accordingly*". Għaldaqstant permezz ta' ittra mis-Segreterija tal-Gvern bid-data tal-14 ta' Settembru, 1877, it-Tabib Andrea Zammit ġie maħtur *Medico dei Poveri* għat-tlett irħula ta' Ħ'Attard, Ħal Balzan u Ħal Lija b'effett mis-16 ta' Settembru 1877.[17] B'hekk bdiet ir-rabta ta' Dott. Andrea Zammit mar-raħal ta' Ħal Lija li ntemmet biss b'mewtu f'Jannar 1929. Rabta twila ta' aktar minn 51 sena.

It-Tabib Andrea Zammit kien iben il-Perit Arkitett Giuseppe Zammit

u Rosa u twieled il-Belt Valletta fil-21 ta' Ottubru, 1854. Safa' ltim minn missieru ta' età żgħira, għex in-Naxxar ma' żewġ zijiet qassisin, Dun Salv u Dun Franġisku Sammut.[18] Iggradwa bħala tabib mill-Università ta' Malta f'Lulju 1877.[19] Meta nħatar tabib tal-pulizija għat-tlett irħula Dott. Zammit mar Ħal Lija. Hemmhekk tgħarras u żżewweġ ma' Maria, bint it-Tabib Seichel, il-predeċessur tiegħu fl-istess kariga.[20]

## Fejn kien joqgħod

Dott. Zammit kien obbligat li joqgħod f'Ħal Lija u nsibu li kien joqgħod f'dawn id-djar: fl-1880 ġo Nru 9, Strada Dietro la Chiesa,[21] kif baqa' joqgħod fl-1882,[22] biex umbagħaqd fl-1884 mar f'Nur 1, Strada Concezione,[23] fil-waqt li fl-1887 baqa' fl-istess triq imma f'Nru 39,[24] biex fl-1894 insibuth f'Nru 74, Strada Forni (illum Nru. 12) jiġifieri d-dar fejn qabel kien joqgħod missier il-mara tiegħu Dott. Francesco Seichel,[25] u spiċċa f'Nru 73, Strada Forni fl-1910.[26]

## Servizz lill-parroċċa

Iżda minbarra s-servizzi tiegħu lin-nies ta' Ħal Lija, bħala *Medico dei Poveri*, Dott. Zammit ta wkoll servizz lill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija. Għal diversi snin, sakemm miet, kien il-prokuratur tal-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Bit-tħabrik tiegħu saru diversi opri marbutin ma' din il-festa fosthom il-pavaljun li jintrama fuq l-altar maġġur.[27]

Iżda barra minn hekk, fl-1901 ġie inkarigat mill-Kappillan Dun Mattew Cortis D.D. (1888-1913) biex jieħu ħsieb li jsir il-ventartal tal-fidda tal-altar maġġur. Għal dan il-għan nhar it-3 ta' Frar 1901, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Frendo Micallef inkariga lid-ditta G.C. Busuttil li tforni l-imsemmi ventartal tal-fidda.[28] Dan il-ventartal tlesta fl-1902.[29]

Tliet snin wara, permezz ta' digriet tal-Vigarju Ġenerali, it-Tabib Zammit ġie maħtur prokuratur tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija.[30]

Dott. Zammit baqa' jaġixxi fil-kariga ta' tabib tat-tlett irħula sakemm irtira bil-pensjoni fl-1919.[31] Huwa baqa' joqgħod Ħal Lija fejn miet fl-24 ta' Jannar, 1929.[32]

**Referenzi**

[1] J.J. Camilleri, 'Early Government Schools in Malta', *Melita Historica*, v/3 (1970), 263.
[2] A(rkivju) N(azzjonali ta') M(alta) CSG/O1/LE MARCHANT, Vol. 53. No. 7849.
[3] Ibid., CSG/01.STRAUBENZEE, Vol. 49 (1875) No. 7298.
[4] Ibid., Vol. 96, (1877) No. 14370.
[5] Ibid., CSG/01 TORRENS, Vol. 4. (1888) No. 453.
[6] Tagħrif fil-pusses tal-awtur.

[7] ANM CSG/04/ Letter to Dr. Paolo Mifsud, B'Kara (18.xii.1848), pp. 304, 305.

[8] *M(alta) G(overnment) G(azzette)*, (29.ix.1854), p. 215.

[9] Ibid., 7.V.1855, p.115.

[10] Ibid., 22.IV.1862, p.80.

[11] Ibid., 22.XI.1864, p.166.

[12] Ibid., 6.11.1877, p.43.

[13] *Malta Blue Book* 1876, M 25.

[14] MGG, (2.xi.1877), p. 320.

[15] *Ibid.*, (16.ii.1880), p. 31; (17.iv.1882), p. 95.

[16] Tagħrif gentilment mogħti mill-Kappillan ta' Ħal Lija Dun David Gauci (23.xi.2013). Miċ-ċertifikat tal-mewt nafu li l-ġenituri tiegħu kienu Ġann Battista Seichel u Madalena neé Spiteri.

[17] ANM Petitions 1877, No. 6158, CSG/04/49 Letter to Dr. Andrea Zammit (14.ix.1877), No. 9915.

[18] M. Agius, 'It-Tabib Andrea Zammit M.D.', *Villa Lija,* Nru 24, (Nov. 1967); A. Zammit, *I remember* (Malta, 2007), p. 17.

[19] *Guida Generale di Malta e Gozo 1920,* p. 252.

[20] M. Agius, *op.cit.*

[21] MGG, (16.xi.1880), p. 31.

[22] Ibid., (17.iv.1882), p.95.

[23] Ibid., (17.iv.1884), p.318.

[24] Ibid., (15.iii.1887), p.176.

[25] Ibid., (27.iii.1894), p.214.

[26] Ibid., (24.ii.1900), p.140.

[27] M. Agius, *op.cit.*

[28] Atti, Giuseppe Frendo Micallef, (13.xi.1901). Ħajr lin-Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel li għaddieli din l-informazzjoni.

[29] A. Ebejer, *Ħal Lija, Il-Villa Maltija* (Malta), p. 38.

[30] Atti, Arturo Leone Ganado, (28.viii.1904). Ħajr lin-Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel li għaddieli din l-informazzjoni.

[31] *Malta Blue Book* 1921, M 9.

[32] M. Agius, *op.cit.*

Dolceria Josie Bonaci
17, Triq Sir Ugo Mifsud, Ħal Lija
Tel: 2143 5894
Miftuħin mit-Tnejn sal-Ħadd